MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 298/2011

Kawza fil-lista: 23

**A C f' isimha proprju**
**u ghan-nom tal-minuri T Y C**
**vs**
**P C u Y V**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li minn relazzjoni li kellha mal-konvenut Y V twieled it-tifel T Y fis-27 ta' Ottubru 2003 li pero' fl-att tat-twelid tieghu numru 3968/03 gie registrat bhala bin zewgha l-konvenut P C; li t-testijiet xjentifici jikkonfermaw li t-tifel huwa l-wild naturali tal-konvenut Y V; ghaldaqstant qed titlob li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti [1] m' ghandhiex tiddikjara illi l-istess konvenut P C mhux il-missier tal-minuri T Q illi twieled mill-attrici A C fis-27 ta'

Ottubru, 2003; u [2] li l-missier tal-istess minuri T Q huwa l-imsemmi Q V ID 334967(M) bin Q mejjet, u Z nee’ B mejta, mwieled Birzebbuga fejn joqghod.

Rat li l-konvenuti ghazlu li jibqghu kontumaci;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazetta tal-Gvern;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA prezentat u mahluf mill-Analista Paul Sultana u mill-Ispizjara Dottoressa Marisa Cassar;

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tal-10 ta’ Jannar 2012 li permezz tieghu il-konvenut Y V kkonferma l-fatti allegati fir-rikors guramentat, u li jaqbel mat-talbiet attrici;

Ikkunsidrat;

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attrici qed titlob dikjarazzjoni minn din il-Qorti fis-sens li t-tifel T Y li hi weldet fis-27 ta’ Ottubru 2003, huwa fil-fatt il-wild naturali tal-konvenut Y V u mhux ta’ zewgha l-konvenut P C; kif ukoll sabiex isiru l-korrezzjonijiet debiti fl-att tat-twelid tal-minuri.

Illi mill-provi, dak allegat u mitlub, jirrizulta sodisfacentement provat, u wkoll korroborat mir-rapport xjentifiku tad-DNA. Ghaldaqstant it-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talbiet attrici, u tiddikjara li t-tifel T Y li twieled mill-attrici fis-27 ta’ Ottubru 2003 mhuwiex il-wild naturali tal-konvenut P C, izda hu l-wild naturali tal-konvenut Y V; u tordna d-debiti korrezzjonijiet fit-termini tat-tieni talba.

L-ispejjez ikunu a kariku ta’ l-attrici proprio u tal-konvenut Y V konguntivament fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------